# TIJATRIN TAT-TFAL

minn LORENZA BONNICI CALI'

Sa qabel it-Tieni Gwerra Dinjija kien hawn hafna tejatrini fic-centri ta' Malta, l-aktar fil-Kottonera, Tas-Sliema, u l-Hamrun, u f'xi rhula wkoll kienu jinsabu dawn il-postijiet ta' divertiment onest li kien aktarx isir darba fil-gimgha, nhar ta' Sibt jew il-Hadd. F'Hal Tarxien kellna tijatrin fl-oratorju ta' San Alwigi li fih kienu jsiru drammi bla nisa minn atturi rgiel biss, li kienu jaghtu pjacir kbir. Sa minn ckuniti kont immur nara dawn id-drammi ma' tal-familja, u ahna sirna lkoll inhobbu dan id-divertiment li llum sar biss bhala grajja ta' nteress folkloristiku.

Meta hija l-kbir Rafeli kellu xi 15 il-sena, jiena kelli sitt snin, u niftakar sewwa li huwa waqqaf tijatru iehor ghaz-zaghzagh bhali fi gnien hdejn id-dar taghna stess u sar id-direttur tal-kumpanija. Huwa kien ipingi ix-xeni, ghax minn ckunitu kien wera li kellu jsir pittur, arti, li kienet fir-razza taghna. Kumbinazzjoni wkoll, l-arti drammatika kienet fil-familja sa minn-nannu Wenzu li darba kien waqa' fuq il-palk tat-tijatru Rjal, u baqa' jzappap ghomru kollu. Fit-tijatru ta' hija kienujsiru repliki ta' dak li konna naraw fit-tijatru ta' l-oratorju, imma n-nies kellhom ihallsu sitt habbiet (xi 2mils) kull ras biex jidhlu, u maghhom kellhom igibu siggu jew banketta, jonkella joqghodu bilwieqfa jew kokka fl-art. Madankollu dan it-tejatru mar il-quddiem, minhabba li wiehed mill-atturi kbar ta' l-oratorju, certu Duminku Vella, indahal biex jghin bhala suggeritur.

Darba minnhom sar id-dramm tal-martri Fabjo u Mawrizju, u hija qalli biex jiena niehu sehem fuq il-palk bhala anglu li kellu jidher lil -wiehed mill-martri li hareg ix-xabla biex

jiggieled ma' suldat Ruman li gie biex jarrestah. Kelli nghidlu "Fabjo, dahhal dak is-sejf f'postu, ghax billi taghti tiehu, jghid il-Mulej" Din ix-xena marret tajjeb hafna, ghax ommi ghamlitli libsa bajda, u hija Rafel ghamilli zewg gwienah tal-kartun , u wiehed ragel, Lonzu Camilleri xeghel gass brillanti warajja biex tidher id-dija tas-sema. Dan ir-ragel tant ha gost bid-dehra ta' l-anglu li l-ghada qal lil-ommi "Prosit ghal-bintek kemm tinqala'; kienet proprja anglu, u jekk marti jkollha tifla zgur li nsemmiha Lorenza bhal bintek, biex forsi tohrog brava bhalha" Madankollu kien hemm min tkaza bija wkoll u qal "X'arukaza, issa kellna naraw in-nisa fuq il-palk." Ghax sa dak iz-zmien qatt ma kienet dehret mara jew tifla fit-tijatrin li kellna fir-rahal. Wara' xahar Lonzu kellu tifla u semmiha Lorenza bhali.

Ghadda s-sajf u waslet ix-xitwa; it-tijatrin ghalaq ghax kien bla saqaf, izda rega' beda s-sajf ta' wara, u hija Rafel u Duminku Vella fettlilhom jigbru bniet u subien zghar tal-girien biex itellghu dramm hafif fuq il-hajja ta' Kristu, u lili tawni l-parti tal-Madonna. Morna tant tajjeb li kellna nirrepetu l-istess dramm fit-tijatrin ta' San Pawl il-Bahar u qlajna capcip kbir. Izda wara' xi zmien it-tijatrin tat-tfal kellu jieqaf ghal-kollox minhabba nuqqas ta' flus.

Wara tnax il-sena, jigifieri fl-1934, il-kappillan fetah cirkolu ta' l-Azzjoni Kattolika, ghax-xebbiet, u jiena kont wahda mill-ewwel imsehbin u domt fih erbghin sena, aktarx dejjem fil-kumitat, sahansitra wkoll presidenta. Kemm domt f'din il-kariga, waqqaft ukoll tijatrin fic-cirkolu bil-ghajnuna ta' Dun Mikiel Vella u hija Rafel li kien jirrangali drammi hfief ghalina n-nisa, billi s-subien ma kienux ammessi fostna, imma xi drabi, bhal f'episodji mill hajja tal-Madonna u qaddisin nisa Anjese u Cecilja, ecc., kellna nlibbsu lill-bniet ta' rgiel, bhal San Guzepp, suldati u kbarat Rumani, ecc. M'hemmx ghalfejn nghid li jien kont nidderigi ir-recti kollha li kienu jsiru fil-

vaganzi tal-Milied u tal-Karnival u okkazjonijiet ohrajn, minhabba li jien biss kont imharrga fid-drama sa minn ckuniti. Dan it-tijatru tal-Bniet aktarx li kien l-ewwel wiehed ta' din ix-xorta li sar mhux biss fir-rahal, izda wkoll f'Malta. Kien spicca minhabba it-Tieni Gwerra Dinjija, fadal biss xi fotografija ta' xi xeni u atturi bniet li kont nghallem b'pacenza kbira.

Ic-Cirkolu taghna, din is-sena (1984) ser jaghlaq hamsin sena mit-twaqqif tieghu, u ghalhekk ix-xbejbiet tal-lum stednuni biex nghidilhom l-istorja ta' dan ic-cirkolu. Fost affarijiet ohra fissirtilhom il-grajja tat-tijatru tal-Bniet li ghal dak iz-zmien kienet haga rari hafna.

Illum xaghri abjad tajjara, izda mohhi ghadu jurini bhattertuqa tac-cine il-hidma tieghi, li tibda minn meta kont ta' sitt snin u dehert fuq il-palk bhala anglu, sakemm wara kont ukoll il-Madonna, u fl-ahhar sirt id-direttrici tal-Palk tal-Bniet.....

---

Dan in-numru ta' L-Imnara ikopri sa Awwissu 1984
Kitbiet u bibljografija wara dan il-perijodu jidhlu
fin-numru ta' L-Imnara li jmiss.

L-Editur jixtieq jircievi kitbiet dwar tifkiriet
personali minn nies anzjani, fejn jidhlu loghob
u drawwiet tat-tfal, mard, medicini, festi, lbies,
snajja, skola, u l-hajja fil-familja, u okkazjonijiet
popolari tal -Ghid, Milied, tradizzjonijiet, ecc...
Daw n ix-xogholijiet m'ghandhomx ikunu ikkupjati
jew ripetuti w ara haddiehor, izda esperjenzi personali.

---